# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 28(2)/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Is-Sur Emanuel Brincat |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Is-Sur Matthew Agius |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużati | Sur Lino Bartolo, Kunsillier |
| | | Is-Sur Matthew Mangion, KAS |
| | | Mark Aquilina, Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 27/K7/2015
2. Materji mill-Minuti
3. Gimgħa Msida

4. Affarijiet oħra jekk urġenti
5. Aġġornament

**Seduta Numru 28(2)/14**

1419 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba lil San Ġużepp.

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 27/K7/2015

1420 Is-Sur Maurice Agius talab li Materja 1381 tiżdied il-kelma 'Maurice'.

1421 Is-Sur Maurice Agius talab li f'Materja 1383 ikun hemm miktub li hu qal "biex in-nies ikollhom passaġġ għall-Pelican Lights".

1422 Is-Sur Maurice Agius talab li tiżdied minuta fejn is-Sur Bartolo kien semma li għandha ssir irħama għal vittmi Misidjani li mietu fit-tieni gwerra dinjija. Is-Sur Maurice Agius qal li kien qabel ma din il-proposta. Intqal ukoll li din kienet ideja tajba imma li bħalissa hemm prioritajjiet oħra.

1423 Il-minuti ġew approvati suġġett għal dawn il-korezzjonijiet.

2 Materji mil-minuti

1424 Materja 1300: Intqal li il-permess ta' Censu Farrugia qiegħed fl-Aġenda tal-bord tal-MEPA u mill-Case Officer ir-rapport ħareġ 'To Grant'. Il-Kunsill ġie nformat li minħabba restrizzjonijiet mill-KNPD il-parti tan-nofs mhix aċċessibli għal-pubbliku. Is-Sur Brincat qal li hu ltaqa mad-DG tal-Works Department u qal li l-flus għal dan il-proġett huma lesti u li malli joħroġ il-permess jibdew ix-xogħolijiet.

1425 Materja 1332: Is-Sindku qalet li għadha ma rċiviet xejn mingħand is-Sur Zahra u li ser terġa tibgħat reminder lill-iSpettur.

1426 Materja 1336: Intqal li fuq il-pjanċi barranin il-Kunsill ser jistenna li jiġu fis-seħħ il-proċeduri li beħsiebhom jieħdu t-TM fil-konfront ta' dawn l-abbużi. Is-Sur Abela Wadge qal li l-'clamping' tkun ideja tajba. Intqal li t-TM għandhom ikunu mitluba jagħtu informazzjoni tax-xogħol li qed jagħmlu minħabba li s-Sur Brincat rahom jiġbru xi karozzi.

1427 **Materja 1337: Intqal li wara l-laqgħa li saret il-Perit Testaferrata Denoto għadha ma tat l-ebda risposta lill-Kunsill. Intqal li kien xi xogħol żgħir li kellu jsir u qed jitkompla, bħal per eżempju l-Bridge ta' ħdejn il-Pelican Lights. Is-Sur Selvaggi talab li l-Kunsill jibqa jinsisti li l-bankina ta' quddiem l-għassa għandha tiċkien.**

1428 **Materja 1339: Is-Segretarju qalet li l-Perit Audrey Testaferrata Denoto informatha li deċiżjoni fuq l-iskema tal-Parkeġġ qed tistenna 'Inter-ministerial meeting'. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill ta' L-Imsida għandu bżonn li jsemma leħnu. Intqal li hemm bżonn issir stqarrija wara sentejn nistennew risposta. Qal li hemm bżonn stqarrija mill-Kunsill kollu biex il-pressjoni tkun qed issir mill-Kunsill kollu. Is-Sindku qalet li l-Imsida kien ilha tistenna mill-Gvern preċedenti għal-disgħa snin. Is-Sur Selvaggi talab li ssir stqarrija li l-iskemi jiġu sospiżi sa kemm l-Imsida tingħata l-possibilita' li tapplika.**

1429 **Is-Sur Abela Wadge ħareġ mill-laqgħa (18:06).**

1430 **Materja 1342:Intqal li ħdejn il-ħanut tal-Battries fi Triq Rue D'Argens ingħata xi tarmac biex titnaqqas il-problema. Is-Sur Maurice Agius qal li x-xogħol ma sarx sew u intqal li l-ħaddiema ser jerġgħu jipprovaw itejbu s-sitwazzjoni.**

1431 **Is-Sur Abela Wadge daħal fil-laqgħa (18:10).**

1432 **Materja 1346: Dwar it-'Telework' tas-Sna Aquilina intqal li saret laqgħa u ġie fformulat il-kuntratt u li fadal biss li ssir lista tax-xogħolijiet li għandhom isiru fil-ħin tat-telework.**

1433 **Materja 1356: Is-Sur Maruice Agius qal li jixtieq kopja tal-kuntratt li għandhom tal-Banda ma' min jaqla l-Bandisti. Is-Sur Maurice Agius qal ukoll li jħossu disgustat bl-aġir ta' l-Għaqda Banda Melita San Ġużepp fir-rigward tal-funeral tas-Sur Cassar Naudi, l-ewwel Sindku ta' L-Imsida u President tal-Każin tal-Banda għal-29 sena. Intqal li l-Kunsill kien anke intervjena biex jinħarġu l-ispejjeż tal-Banda bejn l-għaqdiet tal-lokal imma intqal li l-iżpiża kompliet tikber u l-Kumitat tal-Banda ħa deċiżjoni. Is-Sur Maurice Agius qal li hu jħoss li l-Għaqda tal-Banda lejhom biss jiġbdu. Is-Sur Brincat qal li meta ssir attivita' l-Kunsill dejjem isib l-għajnuna tal-Banda.**

1434 **Materja 1357: Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Programm ta' żmien l-Għid imtella mill-Każin tal-Banda, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, ser jiġi mniedi waqt konferenza stampa li ser issir il-Ħamis li ġej fin-12:30pm fil-Kunsill Lokali. Intqal li l-Ħamis ser tiftaħ il-Wirja**

fis-7pm. Li l-Ħadd 29 ta’ Marzu ser ikun hemm il-Pageant u fit-30 ta’ Marzu l-Kunċert ta’ Mużika Sagra, imbagħad fit-2 ta’ April issir il-mixgħela tax-xemgħa f’forma ta’ Salib. Is-Sindku qalet li fir-rigward tal-Kunċert l-ghaqda tal-Banda kien mingħalihom li dan ser jsir mingħajr ħlas u qalet li is-Sur Bartolo għadu kif informaha li s-Surmast talab ħlas ta' €200. Wara diskussjonijiet, fejn il-Junior College ġew imfakkra fil-piż li l-iskola għandha fuq l-Imsida u fuq ir-residenti, is-Sindku qalet li aċċettaw li dan is-servizz għandu jitħallas b'ammont ta' €125 u talbet li l-Kunsill joħroġ dan l-ammont ta' flus biex ikompli jikkolabora fil-programm ta' l-Għid.

1435 Dahal il-Viċi Sindku (18:23).

1436 Is-Sur Brincat qal li jaqbel li l-Kunsill iħallas din l-ispiża imma qal li il-Każin tal-Banda għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ispejjeż li kellhom. Is-Sur Selvaggi qal li l-ispiża mill-Kunsill kellha tkun ta' mhux aktar minn €500. Il-Viċi Sindku qal li ma jiddejjaqx joħroġ ftit iżjed la qed imorru għal attivita' soċjali u l-Kunsill huwa 'stakeholder' imma qal li jdejqu d-delantiżmu li bih isiru dawn l-affarijiet. Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk l-Għaqda hux qed tipprova tiġbor xi flus minn ‘sponsors’. Intqal li l-Kunsill ma jafx eżatt id-dettalji pero' ġabru xi flus għall-attivitajjiet. Il-Kunsill approva l-€500 u anke li jitħallas l-kunċert tal-Junior College bl-ammont ta' €125. Intqal li għandha tintalab irċevuta mill-Orkestra tal-Junior College.

1437 Materja 1378 – Is-Segretarju qalet li l-U-Bar fi Triq Prinċipessa Margerita għandha tiġi mċaqalqa.

1438 Materja 1379 – Minħabba l-i'sprayer' ta' Triq L-Irmiġġ intqal li għandha ssir aktar pressjoni biex il-Pulizija tieħu azzjoni. Is-Sur Maurice Agius qal li anke qed isir xogħol barra l-ħanut tiegħu. Is-Sur Selvaggi qal li jista' jkun li din il-problema tiġi riżolta bir-Residential Parking. Il-Viċi Sindku qal li l-problema mhix l-parkeġġ (għax jekk il-karozzi għandhom liċenzja mħallsa mhux qed tinkiser il-liġi). Qal pero' li mhux permess li jagħmel dan it-tip ta' xogħol barra mill-garaxx. Is-Sna Galea qalet li bħalu hemm ieħor faċċata ta' Debbie's Pharmacy u s-Sur Maurice Agius qal li hemm ieħor f'Misraħ il-Barrieri.

1439 Materja 1380 – Dwar it-tankijiet fi Triq l-Irmiġġ għandha tintalab informazzjoni mingħand is-Sur Demarco. Is-Segretarju ser tinformah biex jiċċekja l-liċenzji tal-karozzi fiż-żona wkoll.

1440 Materja 1381 – Is-Sur Maurice Agius saqsa rigward il-ġbir ta' ħġieg mill-BIS darba oħra matul ix-xahar. Is-Segretarju għandha tibgħat reminder lil GreenPak.

1441 **Materja 1382 – Is-Sur Maurice Agius qal li l-Inkspot qed jostakola l-Unloading Bay u mhux qed iħallu nies jipparkjaw. Intqal li ser tintbagħat ittra lis-Sid.**

1442 **Materja 1383 – Is-Sur Maurice Agius saqsa rigward it-tabella 'Light Vehicles Only'. Intqal li l-Kunsill ġie nformat li mhux suppost issir tabella hemm, pero' dan ser jiġi kkonfermat. Intqal li fiż-żona hemm karozzi għal bejgħ u trakkijiet tal-Johnsons u tal-GDS.**

## 3 Gimgha Msida

1443 **Sar qbil li ser isir Sotto Kumitat biex jorganizza din l-attivita'. Intqal li l-Kunsilliera kienu ntalbu jagħtu suġġerimenti dwar kif tista titjieb l-attivita' ta' Mertu L-Imsida, pero' l-Kunsill ma rċiviex risposta. Il-Membri tal-Kumitat ser ikunu is-Sindku, s-Sur Matthew Agius, is-Sna Romina Galea, u s-Sindku ssuġġeriet ukoll lis-Sur Lino Bartolo.**

## 4 Affarijiet Urġenti

1445 **Is-Sur Alan Abela Wadge qal li fi Triq is-Snajja hemm ħofra. Hu ġie nformat li l-kuntrattur, li għamel din il-ħsara, ser jimliha. Is-Sur Abela Wadge qal li hemm xi ħadd jixtieq jitlob kumpens ta' xi ħsarat u ġie nformat biex jgħaddi l-informazzjoni lil Kunsill.**

1446 **Il-Viċi Sindku informa lil Kunsill dwar applikazzjoni li ddaħlet l-MEPA minħabba tiġdid tal-permess tal-bini tal-Kunsill. Qal li kien hemm bżonn li timtela formola ta' 'Change of Architect' u li saret anke notifika lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Qal li biex ma jintilifx żmien, minħabba li hu kien il-fimatarju fil-permess eżistenti, ġie mitlub mis-Sindku biex jiffirma fuq din l-applikazzjoni u qed jitlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill biex jiffirma fuq dan il-permess. Il-Kunsill approva. Is-Sur Brincat qal li hemm bżonn kopji eletroniċi tal-pjanti tal-Kunsill u li l-Perit Toni Bezzina nformah li hu m'għadx għandu kopja. Qal li hu talab parir u qal li ġie nformat li hemm kawża li ntrebħet mill-klijent minħabba xi pjanti. Il-Viċi Sindku qal li mhux ċert jekk hemmx xi żmien li l-Perit ikun obbligat li jżommhom. Intqal li s-Sur Abela Wadge ser jkellem lil Perit Bezzina. Għanda tintbaħat talba bl-imejl mis-Segretarju biex jiċċekjaw.**

1447 **Is-Sur Abela Wadge qal li kellmuh ta' 'Let's Do It', għaqda ambjentali, minħabba l-Clean Up Day li ser jorganizzaw fid-9 ta 'Mejju. Qal li ser jibgħatu proposal. Il-Kunsill ħa gost bl-ideja u ser jistenna l-**

**korrespondenza.**

**1448 Is-Sur Abela Wadge qal li jixtieq li l-Imsida torganizza attivita' bħal ma jagħmlu f'irħula oħra bħal ġer eżempju Ħal-Qormi. Intqal li l-Kunsill ikollu bżonn l-għajnuna biex jorganizza xi ħaġa simili. Il-Viċi Sindku qal li xi ħaġa bħal din ma tistax tiġi sforzata. Qal li f'irħula oħra jista jkun li hemm numru akbar ta' kumpaniji jew għaqdiet li huma attivi. Is-Sur Brincat qal li meta saret attivita' ta' dan it-tip (F'Xatt L-Imsida) minn Kunsill sħiħ tlieta biss taw sehemhom – s-Sna Baldacchino Cefai, Is-Sur Matthew Agius u s-Segretarju preċedenti. Is-Sur Abela Wadge ssuġerixxa li jsir Sotto Kumitat ta' l-għadiet li, fost materji oħra, jiddiskutu x'attivitajjiet jistgħu jsiru fl-Imsida.**

**1449 Il-Viċi Sindku tkellem fuq kont pendenti tal-GO li hemm fuq isem is-Segretarju preċedenti. Qal li l-Kunsill dak iż-żmien kien qabel li l-mobajl tas-Sindku u tas-Segretarju jitħallsu mill-Kunsill. Is-Segretarju informat lill-Kunsill li bħalissa la l-mobajl tagħha u lanqas tas-Sindku ma huma qed jitħallsu mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li hemm kont pendenti ta' madwar €1300 u li anke saret sekwestru fuq is-Sur Dimech. Qal li qed jistenna kont 'itemised' biex jara li ma kienx hemm abbużi, qal pero' li jekk dan il-mobajl kompla jintuża mill-Kunsill u jkun jidher biċ-ċar li ma sarux abbużżi l-kont għandu jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.**

**1450 Is-Sur Selvaggi qal li rċieva diversi lmenti dwar il-bandli ta' l-Imsida. Ġie nformat li l-bandli miksura għandhom jiġu msewwija għada.**

**1451 Is-Sur Selvaggi qal li fi Triq is-Sarġ l-problema li hemm ġiet riżolta. Qal li għandha titnaqqas id-'double yellow line' biex issir kaxxa bajda u b'hekk jintlaħaq kompromess. Qal li hemm bżonn ta' bozza f'din it-triq.**

**1452 Is-Sur Matthew Agius qal li fejn il-Blue Bar il-Kunsill kien irċieva proposta ta' tisbieħ fejn ingħata 'no objection'. Qal li l-MEPA ma' aċċettatx dan l-iżvillup u s-Sur Matthew Agius għalhekk issuġġerixxa li ssir laqgħa ma' sid l-istabiliment biex jiġi diskuss x'jista' jsir. Qal li fiż-żona qed ikun hemm ħafna ħmieġ. Qal li jiekk jitneħħa ftit ħamrija u s-siġra titpoġġa ġo qasrija tista tkun aħjar. Intqal li ser issir laqgħa ma sid l-istabiliment.**

**1453 Is-Sur Brincat qal li ċċekja u kkonferma li tista tibda tintalab garanzija fuq meta jkun ser isir xogħol fuq xi propjeta' biex tkopri l-ħsara li tista ssir lill-bankina. Il-Viċi Sindku qal li għandha tintalab il-parir tad-Dipartiment u qal li fil-każ li japprova l-Kunsill għandu jieħu l-kejl tal-bankina quddiem il-propjeta' u, skont il-kuntratt il-gdid, tintalab somma li tkopri l-manutenzzjoni ta' ħsarat kosmetiċi.**

**1454** **Il-Kunsill ġie nformat li l-laqgħa ta' kjarifika mitluba mill-Perit dwar it-Tender tal-Dwal tal-Ġnien tal-Bandli saret. Intqal li l-unika bdil huwa li l-bozzoz, għalkemm 'energy savers' mhux ser ikunu LED. Is-Sur Brincat qal li Option B hija irħas u tuża l-arbli eżistenti. Qal li ser titnaqqas l-ispiża li jsiru arbli b'żewġ globi u l-bozzoz li jintużaw f'dan il-każ ikollhom 'wattage' aktar b'saħħtu. Intqal li din l-ispiża ser tiġi koperta mill-fondi tal-UIF.**

**1455** **Intqal li rigward it-Traffic Management li mistenni jsir f'Misraħ il-Barrieri kien hemm xi problemi minħabba li l-Invicta kien qed jgħid li jekk isiru l-parkeġġi kif propost ma jkunx jista jdaħħal l-'container' fil-garaxx. Intqal li tista ssir b'mod li ma jkunx hemm żoni ta' tisbieħ u li l-parkeġġi jkunu riservati b'permess, bħal ma jagħmlu diversi kumpaniji oħra meta jkunu jridu jħottu x-xogħol. Intqal li jista' jkun jiġi kkonsidrat li titneħħa parti mis-Central Strip tan-naħa ta' fuq ta' Triq Gwann Mamo pero' l-Kunsill ser jistenna l-parir tal-Perit qabel jipproċedi.**

**1456** **Is-Sna Galea qalet li fi Triq il-Gostra l-linji tal-parkeġġ għandhom bżonn 'refreshing'.**

**1457** **Is-Sindku resqet ittra tas-Sur Agius fejn qal li ser terġa tiġi organizzata l-maratona tal-futbol b'risq Puttinu Cares. Intqal li s-sena l-oħra l-Kunsill kien xtara t-trophies u sar qbil li din is-sena jsir l-istess.**

**5** **Aġġornament**

**1458** **Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19:29.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai** **Marita Portelli**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**